MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**MIRIAM HAYMAN**

Seduta tas-17 ta' Lulju, 2012

Numru. 24/2010

**IL-PULIZIJA**
**SPETTUR THERESE SCIBERRAS**

**KONTRA**

**ALFRED MARTIN ta' 58 sena, iben il-mejjet George u l-mejta Connie nee' Coleiro, imwieled Tal-Pieta' nhar il-15.11.1953, residenti fil-fond numru 217, St Paul's Street, St Paul's Bay, detentur tal-karta ta' l-identita' numru 828153M;**

**Il-Qorti;**

Rat l-akkuzi kontra 'l hawn fuq imsemmi **Alfred Martin** li gie akkuzat talli:

1. F'dawn il-Gzejjer, nhar il-11 ta' Dicembru, 2009 f'San Pawl il-Bahar, f'xi hin bejn is-sitta ta' fil-ghodu u l-

hdax ta’ fil-ghodu, volontarjament ghamel hsarat li jammontaw ghal aktar minn €23.30 u anqas minn €2,330 fuq il-vettura bin-numru tar-registrazzjoni MRC001 ghad-dannu ta’ Mark Muscat.

Rat il-kunsens ta’ l-Avukat Generali ghal proceduri sommarji, u n-nuqqas ta’ oggezzjoni ghall-istess minn naha ta’ l-imputat; kif ukoll li l-imputat wiegeb li ma kienx hati ta’ l-akkuzi kif dedotti fil-konfront tieghu.

Rat li l-prova principali migjuba mill-Prosekuzzjoni kienet dik ta’ xhud okulari, certu Patricia Catania. Senjalament din xehdet illi kienet sejra tixtri mill-hanut ta’ Mark, Paperclip Stationery. Ipparkjat il-karozza taghha u kif kienet miexja fuq il-bankina rat lill-imputat. Xehdet illi ratu jobrox il-van ta’ Mark minn quddiem ghal wara. Ghalkemm ma setghetx tixhed ghax ma ratx x’kellu f’idu biex ghamel dan, xehdet illi semghet il-hsejjes tal-brix. Qalet illi kienet miexja warajh u li ma kinitx miexja ‘l boghod minnu. Xehdet illi bejn il-karozza taghha u ta’ Mark kull ma kien hemm kienet karozza ohra, u li sakemm harget mill-karozza u telghet fuq il-bankina, l-imputat gia’ kien qieghed jobrox il-van. Qalet ukoll illi mbaghad l-imputat baqa’ miexi, qasam it-triq u dahal gol-hanut tieghu.
Mistoqsija kif kienet taf lil Mark, il-parte leza wiegbet illi hi kienet tixtri minghand Mark, u li kien ghalhekk li kienet habiba tieghu ghax kienet klijenta.

Mark Muscat, il-parte leza xehed dwar id-danni sofferti fuq il-vettura tieghu u fuq dak li kienet qaltlu klijenta tieghu certu Patricia Catania. Xehed ukoll dwar il-problemi li hu kellu ma’ l-imputat. Spjega wkoll l-incidenti li kien hemm bejnu u bejn l-imputat fil-konfront tal-hwienet taghhom li kienu vicin xulxin.
Ikkonferma Dok TS1 (folio 14) bhala stima tal-hsarat li hu sofra fil-vettura tieghu.

L-imputat Alfred Martin minn naha tieghu u minn jeddu qal illi hu kien jaf lil Mark (il-parte leza) ghax kellu hanut vicin ma’ tieghu. Minn naha tieghu hu kellu negozju li kien jispecjalizza f’certu tip ta’ relaxation u slimming massage,

u li l-parte leza kien ihobb johrog jghajjat barra jitkellem ma’ sidien ta’ hwienet ohra bir-rizultat li kien jiddisturba lill-klijenti ta’ l-imputat li kienu skondtu jmorru ghandu ghall-mistrieh. Anke spjega li dan kien jiknes it-trab u jiftghu quddiemu, u jimblukkalu l-katusa ta’ l-ilma. Xehed li dan anke mar ghalih u tah xebgha bl-ixkupa tant li kissirlu snienu. Qal illi ghalkemm kien ghamel rapport lill-pulizija qatt ma mexxew kontra tieghu.
Spjega wkoll illi fil-konfront tax-xhud (Patricia Catania) li din kienet qisha l-mara ta’ Mark, il-partner tieghu. Anke xehed illi zmien qabel din kienet anke klijenta tas-salon tieghu, u ta’ dan bhala prova ezebixxa sensiela ta’ dokumenti, folio 77 – 80. Xehed li bejniethom kien hemm dizgwid dwar xi flus.

Migjub in kontro ezami Mark Muscat xehed illi ma kienx vera li hu kien attakka lill-imputat, kif ukoll innega kategorikament li Patricia Catania kienet il-partner tieghu.

In kontro ezami Patricia Catania spjegat illi hi ma kinitx kompliet tuza s-servizzi ta’ l-imputat biss ghax ma kinitx zammet id-dieta nonostante li ghandu kienet qed taghmel slimming treatment. Innegat li hi kienet talbitu l-flus lura. Xehdet illi hi kienet klijenta ta’ Mark ghal dawn l-ahhar seba’ snin u li kienet tixtri l-gazzetti minghandu. Mistoqsija kellhiex relazzjoni ma’ l-istess wiegbet illi kienet habiba tieghu.

Ikkunsidrat:

Issa x-xhud Patricia Catania tidher illi kienet certa fuq dak li kienet rat jaghmel lill-imputat, anke ghax semghet il-hsejjes tal-grif. Saret allegazzjoni minn naha ta’ l-imputat li x-xhud kienet fil-fatt habiba, anzi l-partner ta’ l-imputat. Hi dan tammettieh fis-sens illi kienet habiba ta’ Mark Muscat. Minn naha tieghu Mark Muscat spjega li din kienet biss habiba u klijenta tieghu.

Illi fil-verita’ jidher illi hemm zewg verzjonijiet kontrastanti ghal dak li gara – xhud (habiba) tal-parte leza tghid li ratu jaghmel dan, u l-imputat jinnega. Hadd minnhom it-tnejn

ma nspira xi fiducja kbira lil din il-Qorti biex hi taghzel verzjoni jew ohra.

Ghaldaqstant, qieghda tillibera lill-imputat mill-akkuzi kif dedotti kontra tieghu.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------